

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

P8_TA(2018)0411

It-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (COM(2018)0340 – C8-0218/2018 – 2018/0172(COD)) ⁽¹⁾

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2020/C 345/40)

Emenda 1**Proposta għal direttiva****Premessa 1***Test propost mill-Kummissjoni*

- (1) Il-funzjonalità għolja u l-ispiża relattivament baxxa tal-plastik ifisser li dan il-materjal jinstab dejjem aktar u kullimkien fil-ħajja ta' kuljum. L-użu dejjem jikber tiegħu f'applikazzjonijiet b'ħajja qasira, li mhumix maħsuba għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ kosteffettiv ifisser li x-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum relatati saru dejjem aktar ineffiċjenti u lineari. Għalhekk, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari ⁽³²⁾, il-Kummissjoni kkonkludiet fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks ⁽³³⁾ li ż-żieda kostanti fil-ġenerazzjoni tal-iskart u r-rilaxx tiegħu fl-ambjent tagħna, b'mod partikolari fl-ambjent tal-baħar, iridu jiġu indirizzati sabiex jinkiseb approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja verament ċirkolari għall-plastiks.

⁽³²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-għeluq taċ-ċirku – Pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari (COM(2015)0614).

⁽³³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)0028).

Emenda

- (1) Il-funzjonalità għolja u l-ispiża relattivament baxxa tal-plastik ifisser li dan il-materjal jinstab dejjem aktar u kullimkien fil-ħajja ta' kuljum. **Il-produzzjoni globali tal-plastik żdiedet drastikament u fl-2017 laqgħet 348 miljun tunnellata. Is-sehem Ewropew ta' dik il-produzzjoni kien jirrappreżenta 18,5 % (64,4 miljun tunnellata; żieda ta' 3,4 % meta mqabbla mal-produzzjoni fis-sena preċedenti).** L-użu dejjem jikber tiegħu f'applikazzjonijiet b'ħajja qasira, li mhumix maħsuba għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ kosteffettiv ifisser li x-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum relatati saru dejjem aktar ineffiċjenti u lineari. Għalhekk, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari ⁽³²⁾, il-Kummissjoni kkonkludiet fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks ⁽³³⁾ li ż-żieda kostanti fil-ġenerazzjoni tal-iskart u r-rilaxx tiegħu fl-ambjent tagħna, b'mod partikolari fl-ambjent tal-baħar, iridu jiġu indirizzati sabiex jinkiseb approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja verament ċirkolari għall-plastiks **u titnaqqas il-kwantità globali tal-plastik fl-ambjent. L-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks hija l-ewwel pass żgħir fl-istabbiliment ta' ekonomija ċirkolari bbażata fuq it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-prodotti kollha tal-plastik.**

⁽³²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-għeluq taċ-ċirku – Pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari" (COM(2015)0614).

⁽³³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)0028).

⁽¹⁾ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0317/2018).

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 2
Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1a) *Il-plastik għandu rwol utli fl-ekonomija u jipprovdi applikazzjonijiet essenzjali f'ħafna setturi. B'mod partikolari, il-plastik jintuża fl-imballaġġ (40 %) u fis-settur tal-bini u l-kostruzzjoni (20 %). Hemm ukoll użu importanti tal-plastik fis-setturi tal-awtomobiliżmu, tat-tagħmir elettriku u elettroniku, tal-ikel u tal-agrikoltura. Madankollu, l-impatti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent, is-saħħa u l-ekonomija ta' ċerti prodotti tal-plastik jeħtieġu li jiġi stabbilit qafas legali biex jitnaqqsu b'mod effettiv dawk l-effetti sinifikanti, anke permezz ta' restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti partikolari li jintużaw darba biss li għalihom jeżistu alternattivi faċilment disponibbli li jissodisfaw aktar il-kriterji tal-ekonomija ċirkolari.*

Emenda 3
Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2) Approċċi ċirkolari li jipprioritizzaw il-prodotti **riutilizzabbli** mhux tossiċi u s-sistemi għall-użu mill-ġdid **se jwasslu għal tnaqqis tal-iskart** iġġenerat, u **tali prevenzjoni** hija fuq nett fil-ġerarkija tal-iskart imnaqqxa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁴⁾. **Approċċi bħal dawn huma wkoll konformi mal-Għan** nru 12 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti⁽³⁵⁾ li jiżgura xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni.

⁽³⁴⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁽³⁵⁾ L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

- (2) *Il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jippruvaw jiksibu bis-sħiħ approċċi ċirkolari li jipprioritizzaw il-prodotti sikuri, mhux tossiċi u riutilizzabbli mingħajr ebda sustanza ta' riskju u s-sistemi għall-użu mill-ġdid pjuttost milli kwalunkwe prodott li jintuża darba biss. Qabelhejn, il-miżuri kollha jenħtieġ li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-iskart iġġenerat, u jippromwovu l-prevenzjoni tal-iskart peress li din hija fuq nett fil-ġerarkija tal-iskart imnaqqxa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁴⁾. Peress li kwalunkwe prodott li jintuża darba biss x'aktarx li jkollu impatt negattiv fuq il-klima jew l-ambjent minħabba ċ-ċiklu tal-ħajja qasir tiegħu, jeħtieġ li tingħata prijorità lill-prevenzjoni u l-użu mill-ġdid tal-prodotti li jistgħu jiksibu ffrankar kbir ta' CO₂ u ta' materja prima siewja. Din id-Direttiva tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-Għan nru 12 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti⁽³⁵⁾ li jiżgura xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni.*

⁽³⁴⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

⁽³⁵⁾ L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 4
Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

- (3) Iż-żibel fil-baħar, min-natura tiegħu stess, jaqşam il-fruntieri u huwa rikonoxxut bħala problema globali. It-tnaqqis taż-żibel fil-baħar huwa azzjoni ewlenija **għall-kisba** tal-Għan nru 14 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti li **jitolb għall-konservazzjoni** u l-użu b'mod sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli ⁽³⁶⁾. L-Unjoni għandha tagħti s-sehem tagħha **għat-trattament** taż-żibel tal-baħar u għandu jkollha l-għan li tkun mudell standard għad-dinja. F'dan il-kuntest, l-Unjoni qed taħdem ma' msieħba f'bosta fora internazzjonali bħall-G20, il-G7 u n-Nazzjonijiet Uniti biex tippromwovi l-azzjoni konġunta. Din l-inizjattiva tagħmel parti **mill-sforzi** tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

⁽³⁶⁾ L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

Emenda

- (3) Iż-żibel fil-baħar, min-natura tiegħu stess, jaqşam il-fruntieri u huwa rikonoxxut bħala problema globali. **Ammonti dejjem akbar ta' skart qed jispiċċaw fl-oċeani madwar id-dinja u qed jaffettwaw is-saħħa tal-ekosistemi u joqtlu l-annimali.** It-tnaqqis taż-żibel fil-baħar huwa azzjoni ewlenija **għall-ilħuq** tal-Għan nru 14 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti li **l-għan tiegħu huwa l-konservazzjoni** u l-użu b'mod sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli ⁽³⁶⁾. L-Unjoni għandha tagħti s-sehem tagħha **fit-trattament** taż-żibel tal-baħar, **fil-prevenzjoni tal-produzzjoni tal-iskart u fil-ġestjoni tal-iskart fil-baħar b'mod iktar effikaċi**, u għandu jkollha l-għan li tkun mudell standard għad-dinja. F'dan il-kuntest, l-Unjoni qed taħdem ma' msieħba f'bosta fora internazzjonali bħall-G20, il-G7 u n-Nazzjonijiet Uniti biex tippromwovi l-azzjoni konġunta. Din l-inizjattiva tagħmel parti **mill-isforzi** tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

⁽³⁶⁾ L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

Emenda 5
Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

- (5) Fl-Unjoni, bejn 80 u 85 % taż-żibel fil-baħar, imkejjel bħala żibel fuq ix-xtajtiet, huwa plastik; 50 % huwa kkostitwit minn oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss filwaqt li oġġetti relatati mas-sajd jirrappreżentaw 27 %. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jinkludu firxa wiesgħa ta' prodotti tal-konsumatur użati komunement u li jimxu ħafna u li jintremew wara li jintużaw darba għall-fini li għalih ġew ipprovduti, rament jiġu riċiklati, u jagħtu lok għat-tixrid taż-żibel. Proporzjon sinifikanti tal-irkaptu tas-sajd li jitqiegħed fis-suq ma jinġabarx għat-trattament. Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik għalhekk jikkostitwixxu problema partikolarment serja fil-kuntest taż-żibel fil-baħar u joħlqu riskju serju għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità **u, potenzjalment**, għas-saħħa tal-bniedem u huma ta' ħsara għall-attivitajiet bħat-turiżmu, is-sajd u t-tbāħħir.

Emenda

- (5) Fl-Unjoni, bejn 80 u 85 % taż-żibel fil-baħar, imkejjel bħala żibel fuq ix-xtajtiet, huwa plastik; 50 % huwa kkostitwit minn oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss filwaqt li oġġetti relatati mas-sajd jirrappreżentaw 27 %. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jinkludu firxa wiesgħa ta' prodotti tal-konsumatur użati komunement u li jimxu ħafna u li jintremew wara li jintużaw darba għall-fini li għalih ġew ipprovduti, rament jiġu riċiklati, u jagħtu lok għat-tixrid taż-żibel. Proporzjon sinifikanti tal-irkaptu tas-sajd **u tal-akkwakultura** li jitqiegħed fis-suq ma jinġabarx għat-trattament. Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-irkaptu tas-sajd **u tal-akkwakultura** li fih il-plastik, **bħal nases, kaprajjes u bagi, xbieki, ħbula, spag, kordi u linji** għalhekk jikkostitwixxu problema partikolarment serja fil-kuntest taż-żibel fil-baħar u joħlqu riskju serju għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità **kif ukoll** għas-saħħa tal-bniedem **u tal-annimali**, u huma ta' ħsara għall-attivitajiet bħat-turiżmu, is-sajd u t-tbāħħir.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 6
Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5a) *Il-Kunsill, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2018, adotta konklużjonijiet dwar "It-twertiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari", u appoġġa b'mod ċar l-azzjonijiet meħuda f'livell Ewropew u globali biex jiġi ristrett l-użu tal-mikroplastiks miżjuda b'mod intenzjonali fil-prodotti kif ukoll l-użu tal-ossoplastiks fl-Unjoni u l-azzjonijiet previsti fl-Istrateġija għall-Plastiks rigward it-tnaqqis tal-mikroplastiks mit-tessuti, it-tajers tal-karozzi u t-tnixxija ta' pelits ta' qabel il-produzzjoni. L-Unjoni diġà qed tieħu azzjoni minħabba li hemm proċess kontinwu fl-ambitu tar-REACH, li permezz tiegħu l-Kummissjoni talbet lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tiżviluppa dossier ta' restrizzjoni fil-qafas tal-Anness XV dwar l-użu ta' partikoli tal-mikroplastik miżjuda b'mod intenzjonali fi prodotti għall-użu tal-konsumatur jew għall-użu professjonali ta' kwalunkwe tip.*

Emenda 7
Proposta għal direttiva
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5b) *L-Unjoni jenħtieġ li tadotta approċċ komprensiv għall-problema tal-mikroplastiks u jenħtieġ li thegġegħ lill-produtturi kollha jillimitaw strettament il-mikroplastiks mill-formulazzjonijiet tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-manifatturi tat-tessuti u tat-tajers, billi l-ħwejjeġ u t-tajers sintetiċi jikkontribwixxu għal 63 % tal-mikroplastiks li jispiċċaw direttament fl-ambjent akkwatiku.*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 8
Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

- (6) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni⁽⁴⁰⁾ u l-istrumenti ta' politika eżistenti jipprovdu ċerti reazzjonijiet regolatorji li jindirizzaw iż-żibel fil-baħar. B'mod partikolari, l-iskart tal-plastik huwa soġġett għal miżuri u miri ġenerali tal-Unjoni rigward il-ġestjoni tal-iskart, bħall-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart tal-imballaġġ tal-plastik⁽⁴¹⁾ u l-għan reċentement adottat fl-Istrateġija għall-Plastiks⁽⁴²⁾ biex jiġi żgurat li l-imballaġġ tal-plastik kollu jkun riċiklabbli sal-2030. Madankollu, l-impatt ta' dik il-leġiżlazzjoni fuq l-iskart fil-baħar mhuwiex biżżejjed u hemm differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-livell ta' ambizzjoni fost il-miżuri nazzjonali sabiex jiġi evitat u jitnaqqas iż-żibel fil-baħar. Barra minn hekk, uħud minn dawn il-miżuri, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jistgħu jgħolqu ostakli għall-kummerċ u jgħawġu l-kompetizzjoni fl-Unjoni.

⁽⁴⁰⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2000/59/KE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/56/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁽⁴¹⁾ Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

⁽⁴²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonumija Ċirkolari" (COM(2018)0028 final).

Emenda

- (6) **Ġestjoni xierqa tal-iskart tibqa' essenzjali għall-prevenzjoni taż-żibel (fil-baħar).** Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni⁽⁴⁰⁾ u l-istrumenti ta' politika eżistenti jipprovdu ċerti reazzjonijiet regolatorji li jindirizzaw iż-żibel fil-baħar. B'mod partikolari, l-iskart tal-plastik huwa soġġett għal miżuri u miri ġenerali tal-Unjoni rigward il-ġestjoni tal-iskart, bħall-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart tal-imballaġġ tal-plastik⁽⁴¹⁾ u l-għan reċentement adottat fl-Istrateġija għall-Plastiks⁽⁴²⁾ biex jiġi żgurat li l-imballaġġ tal-plastik kollu jkun riċiklabbli sal-2030. Madankollu, l-impatt ta' dik il-leġiżlazzjoni fuq l-iskart fil-baħar mhuwiex biżżejjed u hemm differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-livell ta' ambizzjoni fost il-miżuri nazzjonali sabiex jiġi evitat u jitnaqqas iż-żibel fil-baħar. Barra minn hekk, uħud minn dawn il-miżuri, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jistgħu jgħolqu ostakli għall-kummerċ u jgħawġu l-kompetizzjoni fl-Unjoni.

⁽⁴⁰⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2000/59/KE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/56/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁽⁴¹⁾ Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

⁽⁴²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonumija Ċirkolari" (COM(2018)0028 final).

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 9
Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (6a) *It-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-imballaġġ huwa fattur essenzjali sabiex tiġi promossa katina tal-valur aktar sostenibbli. Sabiex dan l-għan jintlaħaq, jeħtieġ li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' finanzjament rilevanti fil-kuntest tal-għodod ta' programmazzjoni Ewropej tar-R&Ż, bħall-Programmi Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (jiġifieri Orizzont 2020), fid-dawl tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-Plastiks li jmiss.*

Emenda 10
Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7) Sabiex l-isforzi jiġu ffukati fejn huma l-aktar meħtieġa, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri biss il-prodotti tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss, **li** huma stmati li jirrappreżentaw madwar 86 % tal-SUPs misjuba, skont l-għadd, fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni.
- (7) Sabiex l-isforzi jiġu ffukati fejn huma l-aktar meħtieġa, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri biss il-prodotti tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss **kif ukoll l-irkaptu tas-sajd. Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss koperti b'miżuri skont din id-Direttiva** huma stmati li jirrappreżentaw madwar 86 % tal-SUPs misjuba, skont l-għadd, fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni.

Emenda 11
Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7a) *Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jitqiesu oġġetti tal-imballaġġ kif definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 94/62/KE.*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 12**Proposta għal direttiva****Premessa 7b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7b) *Ir-rapport ta' rieżami tal-Kummissjoni jenħtieġ li jindika jekk il-kamp ta' applikazzjoni jistax jitwessa' għall-prodotti li jintużaw darba biss b'mod ġenerali.*

Emenda 13**Proposta għal direttiva****Premessa 7c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7c) *It-tniġġis terrestri u l-kontaminazzjoni tal-ħamrija b'oġġetti akbar tal-plastik u l-frammenti jew il-mikro-plastiks li jirriżultaw minnhom jistgħu jkunu sinifikanti f'livell lokali jew reġjonali. F'livell lokali dan jista' jkun konsiderevoli minħabba l-użu intensiv tal-plastiks fl-agrikoltura. Biex jitnaqqsu l-effetti tal-iskart tal-plastik fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, it-tniġġis mill-plastik mill-art agrikola jenħtieġ li jiġi investigat bir-reqqa.*

Emenda 14**Proposta għal direttiva****Premessa 8a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (8a) *Il-prodotti tal-plastik jenħtieġ li jiġu mmanifatturati filwaqt li jitqies it-tul tal-ħajja kollu tagħhom. L-eko-disinn tal-prodotti tal-plastik jenħtieġ li dejjem iqis il-fażi tal-produzzjoni, ir-riċiklabbiltà u possibbilment anke r-riutilizzabbiltà tal-prodott. Il-produtturi jenħtieġ li, meta jkun xieraq, jiġu mħeġġa jużaw polimeri uniċi jew kompatibbli biex jimmanifatturaw il-prodotti tagħhom sabiex jissimplifikaw is-separazzjoni u jtejbu r-riċiklabbiltà, speċjalment fil-każ tal-imballaġġ tal-plastik.*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 16
Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9a) ***Biż-żamma tal-valur tal-prodotti u l-materjali għall-itwal żmien possibbli u bil-ġenerazzjoni ta' anqas skart, l-ekonomija tal-Unjoni tista' ssir aktar kompetittiva u aktar reżiljenti, filwaqt li titnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi prezzjużi u fuq l-ambjent.***

Emenda 17
Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (10) Jenħtieġ li prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jiġu indirizzati minn miżura waħda jew minn bosta miżuri, u dan jiddependi fuq diversi fatturi, pereżempju d-disponibbiltà ta' riżorsi adatti u ta' alternattivi aktar sostenibbli, il-fattibbiltà li jibdlu x-xejriet tal-konsum, u safejn huma diġà koperti mil-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni.

- (10) Jenħtieġ li prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jiġu indirizzati minn miżura waħda jew minn bosta miżuri, u dan jiddependi fuq diversi fatturi, pereżempju d-disponibbiltà ta' riżorsi adatti u ta' alternattivi aktar sostenibbli, ***filwaqt li jitqiesu l-prinċipji taċ-ċiklu tal-ħajja***, il-fattibbiltà li jibdlu x-xejriet tal-konsum, u safejn huma diġà koperti mil-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 18
Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

- (11) Għal ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, għad mhumie x disponibbli fil-pront alternattivi xierqa u aktar sostenibbli u l-konsum tal-biċċa l-kbira ta' tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mistenni li jiżdied. Sabiex din ix-xejra tinbidel u jiġu promossi sforzi lejn soluzzjonijiet **aktar** sostenibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksibu tnaqqis **sinifikanti** fil-konsum ta' daww il-prodotti, mingħajr ma jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-ikel, prattiki tal-iġjene tajba, prattiki tajba ta' manifattura, l-informazzjoni għall-konsumatur, jew ir-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar l-ikel tal-Unjoni ⁽⁴⁴⁾.

⁽⁴⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u leġiżlazzjoni rilevanti oħra marbuta mas-sikurezza, l-iġjene u t-tikkettar tal-ikel (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

Emenda

- (11) Għal ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, għad mhumie x disponibbli fil-pront alternattivi xierqa u aktar sostenibbli u l-konsum tal-biċċa l-kbira ta' tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mistenni li jiżdied. Sabiex din ix-xejra tinbidel u jiġu promossi sforzi lejn soluzzjonijiet **sikuri u** sostenibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksibu tnaqqis **ambizzjuż u sostnut** fil-konsum ta' daww il-prodotti, **bħalma qiegħed isir għall-basktijiet tal-plastik skont id-Direttiva 94/62/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(43a)**, mingħajr ma jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-ikel, prattiki tal-iġjene tajba, prattiki tajba ta' manifattura, l-informazzjoni għall-konsumatur, jew ir-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar l-ikel tal-Unjoni ⁽⁴⁴⁾. **Dawn il-miżuri jenħtieġ li japplikaw għall-kontenituri tal-ikel li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin: l-ikel ikkonċernat ikun maħsub għall-konsum immedjat, ikun maħsub għall-konsum mingħajr aktar preparazzjoni u jkun maħsub biex jiġi kkunsmat minn ġor-reċipjent. L-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw lejn l-ogħla livell ta' ambizzjoni possibbli għal daww il-miżuri, li jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-gravità tar-riskju tar-rimi tad-diversi prodotti u użi. L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw miri nazzjonali biex jikkwantifikaw l-effetti tal-miżuri meħuda biex jinkiseb it-tnaqqis ambizzjuż u sostnut. L-Istati Membri jenħtieġ li jħeġġu l-użu ta' prodotti li jkunu xierqa biex jintużaw aktar minn darba u li, wara li jsiru skart, ikunu xierqa għat-tħejji għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, mingħajr ma jikkompromettu l-moviment liberu tal-oġġetti fis-suq intern. Daww il-miżuri jenħtieġ li jqisu l-impatt tal-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom inkluż meta jinstabu fl-ambjent tal-baħar u jenħtieġ li jirrispettaw il-ġerarkija tal-iskart.**

^(43a) **Id-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief (ĠU L 115, 6.5.2015, p. 11).**

⁽⁴⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u leġiżlazzjoni rilevanti oħra marbuta mas-sikurezza, l-iġjene u t-tikkettar tal-ikel (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (11a) Il-filtri tal-prodotti tat-tabakk huma t-tieni fil-klassifika ta' oġġetti tal-plastik li jintużaw darba li jintremew l-aktar. Għalkemm is-sehem fis-suq tal-filtri taċ-ċelluloża derivati mill-pjanti għall-prodotti tat-tabakk jidher li qed jiżdied, l-aċċettabbiltà tal-alternattivi disponibbli mhijiex ċara. Barra minn hekk, l-impatt kbir ħafna fuq l-ambjent tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri ma jistax jiġi injorat minħabba li daww il-filtri jistgħu jinqasmu f'biċċiet tal-plastik iżgħar. Il-filtri tat-tabakk użati jinkludu wkoll għadd kbir ta' sustanzi kimiċi li huma ta' ħsara għall-ambjent, li mill-inqas 50 minnhom huma karċinoġeni umani magħrufa, kif ukoll metalli tqal, li jistgħu jiskulaw mill-filtru u jagħmlu ħsara lill-ambjenti tal-art, tal-ajru u tal-baħar tal-madwar. Sabiex jiġi indirizzat l-impatt ambjentali kkawżat mill-iskart wara l-konsum, hemm bżonn ta' firxa wiesgħa ta' miżuri għall-prodotti tat-tabakk bil-filtri, li jvarjaw mit-tnaqqis fil-filtri li jintużaw darba biss u li jintremew wara l-użu sar-responsabilità estiża tal-produttur biex jiġi żgurat rimi responsabbli u biex jiġu koperti l-ispejjeż tat-tindif tal-iskart. Sabiex jiġu indirizzati l-ispejjeż sinifikanti għall-ġbir u s-separazzjoni li attwalment jiġġarrbu mill-kontribwenti, l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li jkopru l-ispejjeż tat-tindif tal-iskart u l-ispejjeż għal infrastrutturi xierqa ta' ġbir tal-iskart. Bħala parti minn dawn il-miżuri, l-Istati Membri jistgħu joħolqu wkoll inċentivi għal katina ta' rkupru tal-filtri tas-sigaretti biex jitnaddaf l-aċetat taċ-ċelluloża, il-materjal tal-plastik li jammonta għal 60 % tal-kompożizzjoni tal-filtri tas-sigaretti, biex imbagħad jinbidlu f'oġġetti ġodda tal-plastik.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 20
Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

- (12) Għal tipi oħra ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jinsabu disponibbli alternattivi xierqa u aktar sostenibbli li huma wkoll affordabbli. Sabiex jiġi limitat l-impatt negattiv ta' dawn il-prodotti fuq l-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu t-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni. B'hekk, jiġu promossi l-użu ta' daww diġà disponibbli u ta' alternattivi aktar sostenibbli kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi favur mudelli tan-negożju aktar sostenibbli, favur alternattivi riutilizzabbli u s-sostituzzjoni ta' materjali.

Emenda

- (12) Għal tipi oħra ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jinsabu disponibbli alternattivi xierqa u aktar sostenibbli li huma wkoll affordabbli. Sabiex jiġi limitat l-impatt negattiv ta' dawn il-prodotti fuq l-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu t-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni. B'hekk, jiġu promossi l-użu ta' daww diġà disponibbli u ta' alternattivi aktar sostenibbli **li jikkonformaw mal-istandards eżistenti u mad-dritt tal-Unjoni** kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi favur mudelli tan-negożju aktar sostenibbli, favur alternattivi riutilizzabbli u s-sostituzzjoni ta' materjali, **f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE. Ir-restrizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni introdotti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkopru wkoll prodotti magħmulin minn plastik ossodegradabbli, peress li dan it-tip ta' plastik ma jiddegradax sew u għallhekk jikkontribwixxi għat-tniġġis mill-mikroplastiks fl-ambjent, mhuwiex kompostabbli, jaffettwa b'mod negattiv ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali u jonqos milli jagħti benefiċċju ambjentali ppruvat. Minħabba l-prevalenza għolja tal-iskart tal-polisteren fl-ambjent tal-baħar u billi hemm alternattivi disponibbli, il-kontenituri tal-ikel u tax-xorb li jintużaw darba biss magħmula mill-polisteren jenħtieġ li jiġu ristretti wkoll.**

Emenda 21
Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (12a) Għall-platti u l-pożati tal-plastik, anke jekk ikunu faċilment disponibbli alternattivi aktar xierqa, meta jkun ġustifikat kif xieraq u sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju fil-kontinwità tal-għoti ta' ċerti servizzi soċjali, bħall-catering fl-istabbilimenti edukattivi u s-servizzi tal-kura tas-saħħa, ikun xieraq li tiġi stabbilita estensjoni fuq perjodu ta' żmien limitat għall-implimentazzjoni tal-projbizzjoni tat-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni.

Emenda

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12c) *Il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva li jippromwovu l-użu ta' alternattivi mhux tal-plastik jenħtieġ li taħt ebda ċirkostanza ma jikkawżaw żieda fl-effetti detriementali għall-ambjent u l-klima, pereżempju emissjonijiet addizzjonali ta' CO₂ jew l-isfruttament ta' riżorsi siewja. Filwaqt li l-maġġoranza tal-alternattivi mhux tal-plastik huma magħmula minn riżorsi naturali u huma mistennija li joriġinaw mill-bijoeconomija, huwa partikolarment importanti li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' dawn il-miżuri. Fir-rigward tal-ġerarkija tal-iskart, il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva u l-implementazzjoni tagħhom jenħtieġ li dejjem jagħtu prijorità lill-prevenzjoni jew lit-tranżizzjoni lejn prodotti riutilizzabbli pjuttost milli alternattivi oħra li jintużaw darba biss, anke jekk dawn ikunu magħmula minn materjali mhux tal-plastik.*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 24
Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

- (13) It-tappijiet u l-għotjien, **b'parti sinifikanti** magħmula mill-plastik, ġejjin minn kontenituri tax-xorb huma fost l-oġġetti tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss mormija fuq ix-xtajtiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontenituri tax-xorb li jikkostitwixxu prodotti li jintużaw darba biss, jitħallew jitqiegħdu fis-suq biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-disinn tal-prodott, u dan inaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx fl-ambjent tat-tappijiet u l-għotjien tal-kontenituri tax-xorb. Għall-kontenituri tax-xorb li jikkostitwixxu prodotti u imballaġġi tal-plastik li jintużaw darba biss, din il-kundizzjoni hija żieda mar-rekwiżiti essenzjali dwar il-kompożizzjoni u n-natura tal-imballaġġi li jistgħu jintużaw mill-ġdid u li huma riċiklabbli, inklużi r-riċiklabbli stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 94/62/KE. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżit tad-disinn tal-prodott u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern, jeħtieġ li jiġi żviluppat standard armonizzat adottat skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁵⁾ u l-konformità ma' dak l-istandard għandu jippermetti l-preżunzjoni ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. Jenħtieġ li jkun previst biżżejjed żmien għall-iżvilupp ta' standard armonizzat u li l-produtturi jitħallew jadattaw il-katini tal-produzzjoni tagħhom b'rabta mal-implimentazzjoni tar-rekwiżit tad-disinn tal-prodott.

⁽⁴⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

Emenda

- (13) It-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik, ġejjin minn kontenituri tax-xorb huma fost l-oġġetti tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss mormija fuq ix-xtajtiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontenituri tax-xorb li jikkostitwixxu prodotti li jintużaw darba biss, jitħallew jitqiegħdu fis-suq biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-disinn tal-prodott, u dan inaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx fl-ambjent tat-tappijiet u l-għotjien tal-kontenituri tax-xorb **u jżid il-kwantitajiet riċiklati**. Għall-kontenituri tax-xorb li jikkostitwixxu prodotti u imballaġġi tal-plastik li jintużaw darba biss, din il-kundizzjoni hija żieda mar-rekwiżiti essenzjali dwar il-kompożizzjoni u n-natura tal-imballaġġi li jistgħu jintużaw mill-ġdid u li huma riċiklabbli, inklużi r-riċiklabbli stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 94/62/KE. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżit tad-disinn tal-prodott u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern, jeħtieġ li jiġi żviluppat standard armonizzat adottat skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁵⁾ u l-konformità ma' dak l-istandard għandu jippermetti l-preżunzjoni ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. Jenħtieġ li jkun previst biżżejjed żmien għall-iżvilupp ta' standard armonizzat u li l-produtturi jitħallew jadattaw il-katini tal-produzzjoni tagħhom b'rabta mal-implimentazzjoni tar-rekwiżit tad-disinn tal-prodott. **Sabiex jiġi żgurat l-użu ċirkolari tal-plastiks, jeħtieġ li jiġi żgurat id-dħul fis-suq tal-materjali riċiklati. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott rekwiżit għal kontenut minimu obbligatorju ta' plastiks riċiklati f'ċerti prodotti.**

⁽⁴⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 25**Proposta għal direttiva****Premessa 13a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13a) *Fil-kuntest tar-rieżami li għandu jsir skont l-Artikolu 9 (5) tad-Direttiva 94/62/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-proprjetajiet relattivi ta' materjali differenti tal-imballaġġ, inklużi materjali komposti, abbażi ta' valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, li jindirizzaw b'mod partikolari l-prevenzjoni u d-disinn għaċ-ċirkolarità.*

Emenda 26**Proposta għal direttiva****Premessa 13b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13b) *Il-preżenza ta' sustanzi kimiċi perikolużi fl-assorbenti sanitarji, fit-tampuni u fl-applikaturi tat-tampuni jenħtieġ li tiġi evitata fl-interess tas-saħħa tan-nisa. Bl-istess mod, id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet b'diversi użi u li jkunu aktar ekonomikament sostenibbli hija fundamentali biex in-nisa jiġu ggarantiti aċċess sħiħ għall-ħajja soċjali.*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 27
Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

- (14) Ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jispiċċaw fl-ambjent bħala riżultat tar-rimi inadegwat fil-kanali tad-drenaġġ jew ta' rilaxx ieħor mhux adegwat fl-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li ta' spiss jintremew fil-kanali tad-drenaġġ jew inkella li jintremew b'mod ieħor mhux adegwat, jiġu soġġetti għar-rekwiżiti tal-immarkar. Jenħtieġ li l-immarkar jgħarraf lill-konsumaturi dwar l-għażliet xierqa ta' rimi tal-iskart u/jew dwar għażliet ta' rimi **tal-skart** li jridu jiġu evitati **u/jew** dwar l-impatti ambjentali negattivi tal-iskart minħabba r-rimi mhux xieraq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tistabbilixxi format armonizzat għall-immarkar u meta tagħmel dan, fejn ikun xieraq, li tittestja l-perċezzjoni tal-immarkar propost ma' gruppi rappreżentattivi tal-konsumaturi sabiex tiżgura li dan ikun effettiv **u** jinftehem b'mod ċar.

Emenda

- (14) Ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jispiċċaw fl-ambjent bħala riżultat tar-rimi inadegwat fil-kanali tad-drenaġġ jew ta' rilaxx ieħor mhux adegwat fl-ambjent. **Ir-rimi fil-kanali tad-drenaġġ, barra minn hekk, jista' jikkawża ħsara ekonomika sostanzjali lin-netwerks tad-drenaġġ billi jimblokka l-pompi u jsodd il-pajpijiet. Għal dawn il-prodotti, spiss ikun hemm nuqqas sinifikanti ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi materjali ta' dawn il-prodotti u r-rimi xieraq tal-iskart.** Għalhekk, jenħtieġ li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li ta' spiss jintremew fil-kanali tad-drenaġġ jew inkella li jintremew b'mod ieħor mhux adegwat, jiġu soġġetti għar-rekwiżiti tal-immarkar **u għal miżuri ta' sensibilizzazzjoni.** Jenħtieġ li l-immarkar jgħarraf lill-konsumaturi dwar l-għażliet xierqa ta' rimi tal-iskart u/jew dwar għażliet ta' rimi **tal-iskart** li jridu jiġu evitati, dwar l-impatti ambjentali negattivi tal-iskart minħabba r-rimi mhux xieraq, **il-preżenza ta' plastiks fil-prodott u r-riċiklabbiltà tal-prodott.** Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tistabbilixxi format armonizzat għall-immarkar u meta tagħmel dan, fejn ikun xieraq, li tittestja l-perċezzjoni tal-immarkar propost ma' gruppi rappreżentattivi tal-konsumaturi sabiex tiżgura li dan ikun effettiv, jinftehem b'mod ċar **u mhux qarrieqi, u jenħtieġ li tqis ukoll il-ftehimiet volontarji eżistenti.**

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 28
Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

- (15) Fir-rigward ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li għalihom ma jkunx hemm disponibbli alternattivi xierqa u iktar sostenibbli, jenħtieġ lil-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu wkoll skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex ikopru l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskart u tat-tindif taż-żibel kif ukoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni sabiex jiġi evitat u jitnaqqas dan iż-żibel.

Emenda

- (15) Fir-rigward ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li għalihom ma jkunx hemm disponibbli alternattivi xierqa u iktar sostenibbli, jenħtieġ lil-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu wkoll skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex ikopru l-ispejjeż **meħtieġa** tal-ġestjoni tal-iskart u tat-tindif taż-żibel kif ukoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni sabiex jiġi evitat u jitnaqqas dan iż-żibel **u biex tiġi indirizzata l-imġiba ħażina tal-konsumaturi. Dawn l-ispejjeż jenħtieġ li ma jaqbżux l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti dawk is-servizzi b'mod kosteffiċjenti u jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati. L-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart jenħtieġ li jkunu proporzjonati u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq objettivi ċari stabbiliti skont l-Artikolu 8a(1) tad-Direttiva 2008/98/KE. Dawn l-objettivi jenħtieġ li jiddefinixxu l-ambitu u l-portata tal-attivitajiet ta' tindif koperti mill-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'konformità mal-obbligi rilevanti rigward il-prevenzjoni tal-iskart u l-iskart fil-baħar fil-liġi tal-Unjoni. Tali attivitajiet jenħtieġ li jinkludu, pereżempju, il-prevenzjoni u l-ġbir tal-iskart fit-toroq, fis-swieq u fi spazji pubbliċi oħra u matul avvenimenti pubbliċi, iżda jenħtieġ li ma jinkludux operazzjonijiet, inkluż it-tindif tal-baħar u l-oċeani, li għalihom l-awtoritajiet pubbliċi mhumieks responsabbli.**

Emenda 29
Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (15a) **L-inċentivi ekonomiċi kapaċi jinfluwenzaw l-għażla tal-konsumatur, jinkoraġġixxu jew jiskoraġġixxu abitudnijiet speċifiċi tal-konsumatur u, għalhekk, jistgħu jintużaw bħala għodda effikaċi upstream sabiex jitnaqqas l-impatt ta' ċerti plastiks fuq l-ambjent.**

Emenda

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 30
Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

- (16) Is-sehem kbir tal-plastik ġej minn irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik li jiġi abbandunat, mitluf, u mormi ġoż-żibel fil-baħar jindika li r-rekwiżiti legali eżistenti⁽⁴⁶⁾ ma jipprovdux biżżejjed inċentivi għar-ritorn lejn ix-xatt tal-irkaptu tas-sajd għall-ġbir u t-trattament. Is-sistema tal-imposta indiretta prevista skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti tneħħi l-inċentiv għall-bastimenti li jarmu l-iskart tagħhom fil-baħar, u tiggarantixxi dritt ta' konsenja. Madankollu, jenħtieġ li dik is-sistema tiġi ssupplementata minn inċentivi finanzjarji ulterjuri għas-sajjieda li jtellgħu l-art l-irkaptu tagħhom tal-iskart sabiex tkun evitata kwalunkwe żieda potenzjali fl-imposta indiretta tal-iskart li għandha titħallas. Billi l-komponenti tal-plastik tal-irkaptu tas-sajd għandhom potenzjal għoli ta' riċiklaġġ, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu responsabbiltà estiża tal-produttur għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik biex jiffaċilitaw il-ġbir separat tal-irkaptu tas-sajd skartat u biex jiffinanzjaw il-ġestjoni tajba tal-iskart ta' dan it-tip ta' rkaptu tas-sajd, b'mod partikolari r-riċiklaġġ.

⁽⁴⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, id-Direttiva 2000/59/KE u d-Direttiva 2008/98/KE.

Emenda

- (16) Is-sehem kbir tal-plastik ġej minn irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik li jiġi abbandunat, mitluf, u mormi ġoż-żibel fil-baħar jindika li r-rekwiżiti legali eżistenti⁽⁴⁶⁾ ma jipprovdux biżżejjed inċentivi għar-ritorn lejn ix-xatt tal-irkaptu tas-sajd għall-ġbir u t-trattament. **Skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jekk l-irkaptu tas-sajd mitluf ma jistax jiġi rkuprat, il-kaptan tal-bastiment jenħtieġ li jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu. Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ armonizzat, id-data dwar l-irkaptu tas-sajd mitluf jenħtieġ li tinġabar u tiġi rreġistrata mill-Istati Membri u mibgħuta lill-Kummissjoni kull sena.** Is-sistema tal-imposta indiretta prevista skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti tneħħi l-inċentiv għall-bastimenti li jarmu l-iskart tagħhom fil-baħar, u tiggarantixxi dritt ta' konsenja. Madankollu, jenħtieġ li dik is-sistema tiġi ssupplementata minn inċentivi finanzjarji ulterjuri għas-sajjieda li jtellgħu l-art l-irkaptu tagħhom tal-iskart sabiex tkun evitata kwalunkwe żieda potenzjali fl-imposta indiretta tal-iskart li għandha titħallas. Billi l-komponenti tal-plastik tal-irkaptu tas-sajd għandhom potenzjal għoli ta' riċiklaġġ, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu responsabbiltà estiża tal-produttur għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik biex jiffaċilitaw il-ġbir separat tal-irkaptu tas-sajd skartat u biex jiffinanzjaw il-ġestjoni tajba tal-iskart ta' dan it-tip ta' rkaptu tas-sajd, b'mod partikolari r-riċiklaġġ. **L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw ukoll il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fit-tweqqif tal-obbligi tagħhom minħabba r-responsabbiltà tal-produttur ikunu mmodulati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riutilizzabbiltà u r-riċiklaġġ ta' dawn il-prodotti.**

⁽⁴⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, id-Direttiva 2000/59/KE u d-Direttiva 2008/98/KE.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 31**Proposta għal direttiva****Premessa 16a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16a) *Fil-qafas ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għal-l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmonitorjaw, jivvalutaw, jiġbru u jirriċiklaw l-irkaptu tas-sajd sabiex jilħqu l-miri kwantitattivi għall-ġbir u r-riċiklaġġ tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik stabbiliti f'din id-Direttiva.*

Emenda 32**Proposta għal direttiva****Premessa 17a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17a) *Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), jenħtieġ li tiġi indirizzata l-problema tal-iskart tal-plastik agrikolu u l-Kummissjoni jenħtieġ li, kif xieraq, sal-2023 tintroduċi standard għal kundizzjoni tal-art agrikola u ambjentali tajba dwar l-iskart tal-plastik bħala element ġdid ta' kondizzjonalità mtejbja fuq terminu medju. Skont ir-rekwiżit il-ġdid tal-kondizzjonalità, il-bdiewa jkunu obbligati jużaw impriża ta' ġestjoni tal-iskart awtorizzata biex jorganizzaw il-ġbir u r-riċiklaġġ tal-plastik, u jżommu evidenza li l-iskart tal-plastik ġie ttrattat b'mod korrett.*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 33
Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

- (18) Sabiex jiġi evitat it-tixrid taż-żibel u forom oħrajn ta' rimi mhux adegwat li jirriżulta f'żibel fil-baħar li fih il-plastik, jeħtieġ li l-konsumaturi jkunu infurmati tajjeb dwar l-għażliet disponibbli u l-aktar addattati għar-rimi tal-iskart u/jew dwar l-għażliet għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati, dwar l-aqwa Prattiki fir-rigward tar-rimi tal-iskart u l-impatt ambjentali tar-rimi ħażin kif ukoll dwar il-kontenut tal-plastik f'ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u fl-irkaptu tas-sajd. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati li jieħdu miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni u li jiżguraw li l-konsumaturi jingħataw it-tali informazzjoni. Jenħtieġ li l-informazzjoni ma tinkludi l-ebda kontenut promozzjonali li jħeġġeġ l-użu ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu l-miżuri l-aktar xierqa bbażati fuq in-natura tal-prodott jew l-użu tiegħu. Jenħtieġ li l-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik ikopru l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni bħala parti mill-obbligu tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.

Emenda

- (18) Sabiex jiġi evitat it-tixrid taż-żibel u forom oħrajn ta' rimi mhux adegwat li jirriżulta f'żibel fil-baħar li fih il-plastik, jeħtieġ li l-konsumaturi jkunu infurmati tajjeb dwar l-għażliet disponibbli u l-aktar addattati għar-rimi tal-iskart u/jew dwar l-għażliet għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati, dwar l-aqwa Prattiki fir-rigward tar-rimi tal-iskart u l-impatt ambjentali tar-rimi ħażin kif ukoll dwar il-kontenut tal-plastik f'ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u fl-irkaptu tas-sajd, **sabiex tiġi inċentivata mgħiba tal-konsumaturi responsabbli fir-rimi korrett tal-iskart**. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati li jieħdu miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni u li jiżguraw li l-konsumaturi jingħataw it-tali informazzjoni. **Din l-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-impatt ta' rimi tal-iskart mhux xieraq fin-netwerk tad-drenaġġ**. Jenħtieġ li l-informazzjoni ma tinkludi l-ebda kontenut promozzjonali li jħeġġeġ l-użu ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu l-miżuri l-aktar xierqa bbażati fuq in-natura tal-prodott jew l-użu tiegħu. **Il-ġlieda kontra ż-żibel hija sforz kondiviż bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-produtturi u l-konsumaturi**. Jenħtieġ li l-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik ikopru l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni bħala parti mill-obbligu tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. **Il-produtturi jenħtieġ li jiġu mħeġġa jużaw il-poter tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom biex jippromwovu u jixprunaw konsum u użu sostenibbli u ċirkolari tal-prodotti**.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 34**Proposta għal direttiva****Premessa 18a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (18a) *F'konformità mal-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija obbligata tgħin lill-Istati Membri fit-tfassil tal-istrateġiji u l-pjanijiet għat-tnaqqis tat-tixrid fil-baħar tal-irkaptu tas-sajd, anke permezz ta' sussidji mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS). L-isforzi jistgħu jinkludu kampanji u programmi ta' sensibilizzazzjoni dwar l-impatt ta' dan l-iskart fuq l-ekosistemi tal-baħar, ir-riċerka dwar il-fattibbiltà ta' rkaptu tas-sajd bijodegradabbli/kompostabbli, proġetti edukattivi għas-sajjeda u programmi pubbliċi speċifiċi biex il-plastik u oġġetti oħra jitneħħew minn qiegħ il-baħar.*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 35
Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

- (20) Fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss huma wieħed minn fost l-oġġetti taż-żibel fil-baħar l-aktar misjuba fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni. Dan huwa minħabba sistemi mhux effettivi tal-ġbir separat u minħabba l-parteċipazzjoni baxxa mill-konsumaturi f'dawk is-sistemi. Jeħtieġ li jiġu promossi sistemi aktar effiċjenti tal-ġbir separat u għalhekk, trid tiġi stabbilita mira minima tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jilħqu dik il-mira minima billi jistabbilixxu miri tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-qafas tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jew billi jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu jew kwalunkwe miżura oħra li huma jqisu xieraq. **Dan se jkollu** impatt pożittiv u dirett fuq ir-rata tal-ġbir, fuq il-kwalità tal-materjal miġbur u fuq il-kwalità tar-riċiklati, li joffri opportunitajiet għan-negozju tar-riċiklaġġ u għas-suq tar-riċiklat.

Emenda

- (20) Fliexken tax-xorb (**bit-tappijiet u bl-għotjien**) li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss huma wieħed minn fost l-oġġetti taż-żibel fil-baħar l-aktar misjuba fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni. Dan huwa minħabba sistemi mhux effettivi tal-ġbir separat u minħabba l-parteċipazzjoni baxxa mill-konsumaturi f'dawk is-sistemi. Jeħtieġ li jiġu promossi sistemi aktar effiċjenti tal-ġbir separat u **li tiżdied il-produzzjoni minn kontenut riċiklat u** għalhekk, trid tiġi stabbilita mira minima tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jilħqu dik il-mira minima billi jistabbilixxu miri tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-qafas tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jew billi jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu jew kwalunkwe miżura oħra li huma jqisu xieraq. **Din il-mira minima tal-ġbir jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn rekwiżit għal kontenut riċiklat speċifiku għall-fliexken tal-plastik, sabiex jiġi żgurat li ż-żieda fil-plastik miġbur tintuża mill-ġdid jew tiġi rriċiklata u b'hekk terġa' tiddaħħal fl-ekonomija ċirkolari. Dawk il-miżuri ikollhom** impatt pożittiv u dirett fuq ir-rata tal-ġbir **u tar-riċiklaġġ**, fuq il-kwalità tal-materjal miġbur u fuq il-kwalità tar-riċiklati, li joffri opportunitajiet **għodda** għan-negozju tar-riċiklaġġ u għas-suq tar-riċiklat. **Meta jimplimentaw il-miżuri biex jilħqu l-mira minima ta' ġbir separat, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tinżamm l-operazzjoni soda tal-iskemi eżistenti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi linji gwida għall-funzjonament tal-iskemi ta' rifiżjoni tad-depożitu għal dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jistabbilixxu tali skemi.**

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) *Id-Direttiva 2008/98/KE tiddefinixxi “għbir separat” bħala l-għbir fejn fluss ta’ skart jinżamm separat skond it-tip u l-karatteristika sabiex ikun faċilitat trattament speċifiku. Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(1a) li temenda d-Direttiva 2008/98/KE tinnota li l-għbir separat jista’ jinkiseb permezz ta’ għbir bieb bieb, permezz ta’ sistemi ta’ depożitu jew akkoljenza jew permezz ta’ arranġamenti oħra ta’ għbir. Il-punt (a) tal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2008/98/KE jippermetti deroga li permezz tagħha għandu jkun possibbli li jinġabru ċerti tipi ta’ skart flimkien dment li dan ma jimpedix riċiklaġġ ta’ kwalità għolja jew irkupru ieħor tal-iskart, f’konformità mal-ġerarkija tal-iskart, u jirriżulta fi produzzjoni minn dawg l-operazzjonijiet li tkun ta’ kwalità paragunabbli għal dik miksuba permezz ta’ għbir separat. Dik id-deroga jenħtieġ li tkun disponibbli anke fl-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva.*

^(1a) *Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109).*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 37
Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

- (22) **Il-paragrafu** 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁽⁴⁸⁾, **jeħtieġ** li l-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq l-esperjenza miġbura u fuq id-data miġbura matul l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u fuq **id-dejta** miġbura skont id-Direttiva 2008/56/KE jew id-Direttiva 2008/98/KE. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni ttipprovdi l-bażi għal valutazzjoni ta' miżuri ulterjuri possibbli u għal valutazzjoni dwar jekk, fid-dawl tal-monitoraġġ taż-żibel fil-baħar fl-Unjoni, jeħtieġx li jiġi rivedut l-Anness li jelenka l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. **L-evalwazzjoni għandha tqis ukoll jekk il-progress xjentifiku u tekniku li seħħ fil-frattemp, inkluż l-iżvilupp ta' materjali bijodegradabbli u l-iżvilupp ta' kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà tal-plastiks fl-ambjent tal-baħar, kif previst fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks, u tippermetti t-twaqqif ta' standard għall-bijodegradazzjoni fl-ambjent tal-baħar ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Dak l-istandard ikun jinkludi standard li jittestja jekk, bħala riżultat ta' dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika fl-ambjent tal-baħar, il-plastiks jiddekomponu kompletament f'diossidu tal-karbonju (CO₂), f'bijomassa u fl-ilma f'perijodu ta' żmien qasir biżżejjed biex il-plastiks ma jkunux ta' ħsara għall-ħajja marina u ma jwasslux għall-akkumulazzjoni tal-plastiks fl-ambjent. Jekk dan ikun il-każ, il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jilħqu dan l-istandard jistgħu jiġu eżentati mill-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq. Filwaqt li l-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks diġà tippredvi azzjoni f'dan il-qasam, hija tirrikonoxxi wkoll l-isfidi f'dak li jirrigwarda l-iffissar ta' qafas regolatorju għall-plastiks b'karatteristiċi bijodegradabbli minħabba l-kundizzjonijiet marini differenti fl-ibħra.**

⁽⁴⁸⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda

- (22) **Skont il-paragrafu** 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁽⁴⁸⁾, **jenħtieġ** li l-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq l-esperjenza miġbura u fuq id-data miġbura matul l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u fuq **id-data** miġbura skont id-Direttiva 2008/56/KE jew id-Direttiva 2008/98/KE. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni ttipprovdi l-bażi għal valutazzjoni ta' miżuri ulterjuri possibbli, **inkluż l-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis għall-Unjoni kollha għall-2030 u wara** u għal valutazzjoni dwar jekk, fid-dawl tal-monitoraġġ taż-żibel fil-baħar fl-Unjoni, jeħtieġx li jiġi rivedut l-Anness li jelenka l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss.

⁽⁴⁸⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 38
Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

- (23) L-Istati Membri **għandhom** jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, **proporzjonati** u diss-ważivi.

Emenda

- (23) L-Istati Membri **jenħtieġ li** jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, **proporzjonati** u diss-ważivi. **Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu inċentivati jew penalizzati wkoll għall-imġiba tagħhom, kif ikun xieraq.**

Emenda 39
Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

- (25) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri biex timpedixxi u tnaqqas l-impatt fuq l-ambjent ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, biex tippromwovi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inkluż it-trawwim ta' mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

Emenda

- (25) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri biex timpedixxi u tnaqqas l-impatt fuq l-ambjent **u fuq is-saħħa tal-bniedem** ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u tal-irkaptu tas-sajd **u l-akkwakultura** li fih il-plastik, biex tippromwovi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inkluż it-trawwim ta' mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (25a) *Peress li ż-żibel tal-plastik fil-baħar mhuwiex limitat għall-ambjent tal-baħar madwar l-Unjoni u peress li jista' jiġi identifikat ammont kbir ta' żibel tal-plastik fil-baħar f'partijiet oħra tad-dinja li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-esportazzjonijiet tal-materjali tal-iskart lejn pajjiżi terzi ma jżidux iż-żibel tal-plastik fil-baħar x'imkien ieħor.*

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (25b) *L-Istati Membri jistgħu jiżvolġu wkoll rwol importanti fit-tnaqqis taż-żibel fil-baħar billi jaqsmu l-għarfien u l-pariri esperti tagħhom fil-ġestjoni sostenibbli tal-materjali ma' pajjiżi terzi.*

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Premessa 25c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (25c) *L-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, jenħtieġ li jmxexxu bl-eżempju.*

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 43**Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent **akkwatiku**, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

Emenda

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari **fuq il-ħajja akkwatika u** l-ambjent **akkwatiku**, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi **u sostenibbli**, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

Emenda 44**Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness u għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik.

Emenda

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness u għall-irkaptu tas-sajd **u l-akkwakultura** li fih il-plastik.

Emenda 45**Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1***Test propost mill-Kummissjoni*

(1) “plastik” tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament;

Emenda

(1) “plastik” tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li **jiffunzjona jew** jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament;

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2a) “*basktijiet tal-plastik ħfief ħafna*” tfisser *basktijiet tal-plastik ħfief kif definiti fl-Artikolu 3(1c) tad-Direttiva 94/62/KE bi ħxuna ta' inqas minn 15-il mikron;*

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3) “irkaptu tas-sajd” tfisser kwalunkwe prodott jew biċċa tagħmir li jintuża fis-sajd u fl-akkwakultura biex jimmira **jew** jaqbad riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew li jkun f'wiċċ il-baħar u li jintuża bil-għan li jattira **u** jaqbad it-tali riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

- (3) “irkaptu tas-sajd” tfisser kwalunkwe prodott jew biċċa tagħmir li jintuża fis-sajd u fl-akkwakultura biex jimmira, jaqbad **jew iżomm għat-trobbija** riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew li jkun f'wiċċ il-baħar u li jintuża bil-għan li jattira, jaqbad **jew iżomm** it-tali riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4) “irkaptu tas-sajd skartat” tfisser kwalunkwe rkaptu tas-sajd li jaqa' fid-definizzjoni ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE, inklużi l-komponenti, is-sustanzi jew il-materjali separati kollha, li kienu parti minn jew marbuta ma' tali rkaptu tas-sajd meta ġie skartat;

- (4) “irkaptu tas-sajd skartat” tfisser kwalunkwe rkaptu tas-sajd li jaqa' fid-definizzjoni ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE, inklużi l-komponenti, is-sustanzi jew il-materjali separati kollha, li kienu parti minn jew marbuta ma' tali rkaptu tas-sajd meta ġie skartat **jew mitluf**;

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) “produttur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ użat, inklużi kuntratti mill-bogħod skont it-tifsira tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011⁽⁵⁰⁾, tqiegħed fis-suq prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u rkaptu tas-sajd li fih il-plastik, minbarra l-persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd kif definiti fl-Artikolu 4(28) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵¹⁾;

⁽⁵⁰⁾ Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64)

⁽⁵¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Emenda

(10) “produttur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li **professjonalment tiżviluppa, timmanifattura, tipproċessa, tit-tratta, tbigħ jew timporta**, irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ użat, inklużi kuntratti mill-bogħod skont it-tifsira tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011⁽⁵⁰⁾, **u b'dan il-mod**, tqiegħed fis-suq prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u rkaptu tas-sajd li fih il-plastik, minbarra l-persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd **jew tal-akkwakultura** kif definiti fl-Artikolu 4(25) u 4(28) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵¹⁾;

⁽⁵⁰⁾ Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64)

⁽⁵¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) “*ġbir separat*” tfisser *il-ġbir separat kif iddefinit fl-Artikolu 3(11) tad-Direttiva 2008/98/KE*;

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) “*plastik bijodegradabbli*” tfisser *plastik li kapaċi jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika, b'tali mod li fl-aħħar mill-aħħar jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju (CO₂), bijomassa u ilma b'mod konformi mal-istandards Ewropej għall-imballaġġ rekuperabbli permezz tal-ikkompstjar u d-diġestjoni anaerobika*;

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) “prodotti tat-tabakk” tfisser prodotti tat-tabakk, kif definiti fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40/UE.

Emendi 118, 54 u 119

Proposta għal direttiva

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4

Artikolu 4

Tnaqqis fil-konsum

Tnaqqis fil-konsum

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksibu tnaqqis **sinifikanti** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti A tal-Anness fit-territorju tagħhom **sa ... [sitt snin wara d-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]**.

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu **miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-konsum**, miżuri li jiżguraw li fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali, kien hemm id-disponibbiltà ta' alternattivi riutilizzabbli għal dawk il-prodotti, strumenti ekonomiċi pereżempju li jiġi żgurat li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ma jingħatawx mingħajr ħlas fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali. Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw, skont l-impatt ambjentali tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu.

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksibu tnaqqis **ambizzjuż u sostnut ta' mill-inqas 25 % sal-2025** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti A tal-Anness fit-territorju tagħhom

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri li jiżguraw li fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali, kien hemm id-disponibbiltà ta' alternattivi riutilizzabbli għal dawk il-prodotti, strumenti ekonomiċi pereżempju li jiġi żgurat li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ma jingħatawx mingħajr ħlas fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali. Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw, skont l-impatt ambjentali tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu, **fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż meta jiġu mormija**.

L-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet nazzjonali li jiddeskrivu l-miżuri adottati skont dan il-paragrafu. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-pjanijiet u għandhom jaġġornawhom fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar dawk il-pjanijiet.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miri nazzjonali kwantitattivi ta' tnaqqis biex jilhqqu l-għan stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk il-miri għandhom jiġu adottati sa ... [id-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni **tista'** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis **sinifikanti** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

Il-miżuri adottati skont dan il-paragrafu għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk il-miżuri skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 ^(1a) fejn meħtieġ minn dik l-istess Direttiva.

2. Il-Kummissjoni **għandha** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis **ambizzjuż u sostnut** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1 **sa ... [12-il xahar qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]**. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksibu tnaqqis sostnut tal-impatt ambjentali tal-iskart mill-prodotti tat-tabakk, u b'mod partikolari tal-filtri tal-prodotti tat-tabakk li fihom il-plastik, billi jnaqqsu l-iskart wara l-konsum mill-filtri għall-prodotti tat-tabakk li fihom il-plastik, kif ġej: 50 % sal-2025 u 80 % sal-2030, meta mqabbla mal-medja ponderata tal-filtri tal-plastik tal-prodotti tat-tabakk mqiegħda fis-suq bejn l-2014 u l-2016..

^(1a) **Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta' tal-Informatika (kodi-fikazzjoni) (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).**

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u ghotjen **b'parti sinifikanti** magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-ghotjen jibqgħu imwahnha mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u ghotjen magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-ghotjen jibqgħu imwahnha mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-2025, il-fliexken tax-xorb elenkati fil-Parti C tal-Anness jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu magħmula minn kontenut riċiklat ta' mill-inqas 35 % u jkunu riċiklabbli.

Sal-1 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontenut irriċiklat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmi-ja fl-Artikolu 16(2).

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu li **għandhom parti sinifikanti** magħmula mill-plastik.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu li **huma** magħmula mill-plastik. **Kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ u tal-metall li jkollhom tappijiet u għotjien magħmula mill-plastik ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-Artikolu.**

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1.

3. **Sa ... [3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva],** il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1. **Dawk l-istandards għandhom jindirizzaw b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu żgurati s-saħħa, l-affidabbiltà u s-sikurezza meħtieġa għall-għotjien tal-kontenituri tax-xorb, inklużi dawk għax-xorb bil-gass.**

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emendi 59 u 140
Proposta għal direttiva
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
Artikolu 7	Artikolu 7
Rekwiżit ta' mmmarkar	Rekwiżit ta' mmmarkar
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: (a) l-għażliet xierqa għar-rimi tal-prodott jew il-mezzi għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati għal dak il-prodott, (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti, jew (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott. 2. Il-Kummissjoni għandha, sa... [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull imballaġġ tal-bejgħ tal-prodotti tal-plastik li jintuża darba biss, li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx, kemm fuq il-pakkett li jkun fih l-aktar unitajiet kif ukoll fuq kull unità meta tkun ippakkjata b'mod individwali, sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b'dan li ġejj: (a) l-għażliet xierqa għar-rimi tal-prodott u/jew il-mezzi għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati għal dak il-prodott, (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti, (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott, u (ca) il-preżenza ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib fil-prodott, bħalma huma metalli perikolużi, ftalati, PFAS, bisfenoli, kif ukoll interferenti endokrinali u sustanzi oħra ta' tħassib serju ħafna (SVHC) skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull imballaġġ tal-bejgħ tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher u jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx, kemm fuq l-imballaġġ li jkun jikkontjeni numru ta' unitajiet kif ukoll fuq kull unità meta tkun ippakkjata b'mod individwali, sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa bir-riċiklabilità tal-prodott. 2. Il-Kummissjoni għandha, sa... [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1 u meta tagħmel dan, għandha tqis il-ftehimiet volontarji settorjali eżistenti u għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-bżonn li tiġi evitata informazzjoni li tqarraq bil-konsumatur. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 146
Proposta għal direttiva
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7a

Dispożizzjonijiet għal Oġġetti Sanitarji

L-Istati Membri għandhom jipprevjenu l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-kompożizzjoni ta' assorbenti sanitarji, tampuni u applikaturi tat-tampuni elenkati fil-Parti D tal-Anness.

Emenda 60
Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-tratament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti.

Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-tratament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. **Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi sabiex jissodisfaw dawn l-obbligi m'għandhomx jeċċedu l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti dawk is-servizzi b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati.**

Emenda 61
Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fir-rigward tal-ispejjeż biex jinġabar żibel imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi huma stabbiliti b'mod proporzjonat u huma mmodulati skont l-Artikolu 8a (4) tad-Direttiva 2008/98/KE, u jqisu l-ispejjeż tat-tindif ta' prodotti individwali jew gruppi ta' prodotti. L-ispejjeż għandhom ikunu limitati għal attivitajiet imwettqa fuq bażi regolari minn awtoritajiet pubbliċi jew fisimhom, li għandhom jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' żibel li jimmiraw li jissodisfaw l-obbligi rilevanti dwar il-prevenzjoni tal-iskart u l-protezzjoni ambjentali taħt atti leġiżlattivi tal-Unjoni.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż tal-ġbir taż-żibel kopert mill-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-filtri tal-prodotti tat-tabakk li fihom il-plastik jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ambjentali stabbilit fl-Artikolu 4(2a), inkluż billi jiġi żgurat li l-produtturi tal-filtri tal-prodotti tat-tabakk li fihom il-plastik ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart ta' daww il-prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jinġabar iż-żibel u l-ispejjeż tal-miżuri għas-sensibilizzazzjoni tal-Artikolu 10 rigward daww il-prodotti. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu, fost l-oħrajn, jeħtieġu li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jistabbilixxu sistemi ta' ġbir jew infrastrutturi ta' ġbir ta' finanzi għal filtri użati, jew jipprovvovu d-dekontaminazzjoni u r-riċiklaġġ ta' filtri użati permezz tal-istabbiliment ta' katina ta' rkupru tal-iskart.

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw fuq dik il-bażi li rata minima ta' ġbir ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik tinkiseb kull sena. Mill-2025 ir-rata minima ta' ġbir għandha tkun ta' 50 % ikkalkulata abbażi tal-piż totali tal-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik f'sena partikolari f'dak l-Istat Membru kkonċernat, espressa bħala perċentwali tal-piż medju tal-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik imqiegħed fis-suq f'dak l-Istat Membru fit-tliet snin ta' qabel.**

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Huma għandhom jiżguraw ukoll li daww l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jiksbi mira ta' riċiklaġġ ta' mill-inqas 15 % għal irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik sal-2025. Sabiex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri jistgħu, barra minn hekk, jirrikjeddu li l-iskemi fost l-oħrajn:

- (a) jimmodulaw kontribuzzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 8a(4) tad-Direttiva 2008/98/KE, sabiex jippromwovu t-tqegħid fis-suq ta' rkaptu tas-sajd maħsub għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ;
- (b) jistabbilixxu skemi ta' rimborż tad-depożitu biex jinkoraġġixxu r-ritorn ta' rkaptu tas-sajd qadim, mitluq jew li ma jistax jintuża;
- (c) jinkludu programmi ta' monitoraġġ, traċċar u rappurtar.

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-miżuri tekniċi stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98^(1a), il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati relatati mad-disinn ċirkolari ta' rkaptu tas-sajd biex jinkoraġġixxu t-tħejjija għall-użu mill-ġdid u tiġi ffaċilitata r-riċiklabbiltà fi tmiem il-ħajja.

^(1a) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' iżgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia:

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż **u jiżguraw li jiġu rriċiklati**. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia:

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 67

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ewwel paragrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2008/98/KE.

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, dwar il-funzjonament tal-iskemi ta' rifużjoni tad-depożitu.

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10

Artikolu 10

Miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni

Miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw ***lill-konsumaturi*** tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti G tal-Anness u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik dwar dawn li ġejjin:

(a) ***is-sistemi disponibbli*** għall-użu mill-ġdid u l-għażliet għall-ġestjoni tal-iskart għal daww il-prodotti u għal dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif ukoll l-aqwa Prattiki tal-ġestjoni tajba tal-iskart imwettqa skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/98/KE;

(b) l-impatt tat-tixrid taż-żibel u ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart ta' daww il-prodotti u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent ***marin***.

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw ***kif ukoll jinċentivaw imġiba responsabbli mill-konsumaturi*** tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti G tal-Anness u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik dwar dawn li ġejjin:

(a) ***id-disponibbiltà ta' alternattivi riutilizzabbli, ta' sistemi*** għall-użu mill-ġdid u l-għażliet għall-ġestjoni tal-iskart għal daww il-prodotti u għal dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif ukoll l-aqwa Prattiki tal-ġestjoni tajba tal-iskart imwettqa skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/98/KE;

(b) l-impatt tat-tixrid taż-żibel u ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart ta' daww il-prodotti u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent ***tal-baħar***;

(ba) l-impatt tar-rimi mhux adegwat tal-iskart ta' daww il-prodotti fuq in-network tad-drenaġġ.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-ikel tal-Unjoni biex jiżguraw li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi.

Emenda

Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-ikel tal-Unjoni biex jiżguraw li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi **u mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^(1a). L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' alternattivi sostenibbli u aktar sikuri għall-plastik fejn possibbli għal materjali maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel.**

^(1a) **Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).**

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esportazzjonijiet tal-materjali ta' skart lejn pajjiżi terzi ma jżidux maż-żibel tal-plastik fil-baħar xi mkien ieħor.

Emenda 72

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni f'qorti tal-ġustizzja jew f'korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, azzjonijiet jew ommissjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikoli 5, 6, 7 u 8 meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni f'qorti tal-ġustizzja jew f'korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, azzjonijiet jew ommissjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikoli **4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10** meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 73
Proposta għal direttiva
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 13

Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵²⁾ u għad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵³⁾, l-Istati Membri, megħ-juna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandhom jistabbilixxu sett ta' data li fih:

(a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1);

(b) l-informazzjoni dwar **il-miżuri** meħuda mill-Istati Membri għall-finijiet tal-Artikolu 4(1).

Id-data msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi aġġornata kull sena fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza li għaliha tinġabar. Fejn possibbli, is-servizzi ta' data ġeografika kif iddefiniti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jintużaw biex jippreżentaw dawk is-settijiet ta' **dejta**.

Emenda

Artikolu 13

Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵²⁾ u għad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵³⁾, l-Istati Membri, megħ-juna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandhom jistabbilixxu sett ta' data li fih:

(a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1);

(aa) **id-data dwar it-tqegħid fis-suq u l-ġbir separat tal-prodotti elenkati fil-Parti F tal-Anness, biex jintwera l-progress lejn il-kisba tal-mira stabbilita fl-Artikolu 9;**

(ab) **id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti G tal-Anness li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jiġi mmonitorjat il-konsum tagħhom fl-Unjoni;**

(ac) **data dwar l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq u dwar l-irkaptu tas-sajd skartat miġbur u ttrattat;**

(b) l-informazzjoni dwar **il-pjanijiet u l-miżuri** meħuda mill-Istati Membri għall-finijiet tal-Artikolu 4(1);

(ba) **l-ammonti ta' żibel fil-baħar, b'mod partikolari dak li joriġina minn prodotti koperti b'din id-Direttiva sabiex jiġu mmonitorjati l-effetti tal-miżuri meħuda.**

Id-data msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi **rappportata għall-ewwel darba sa ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Id-data msemmija fil-punti (a) sa (ac) għandha tiġi aġġornata kull sena fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza li għaliha tinġabar.** Fejn possibbli, is-servizzi ta' data ġeografika kif iddefiniti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jintużaw biex jippreżentaw dawk is-settijiet ta' **data**.

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ikollhom aċċess għas-settijiet ta' data stabbiliti skont il-paragrafu 1.

3. B'mod regolari, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika u taġġorna ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tad-data miġbura mill-Istati Membri. Il-ħarsa ġenerali fl-Unjoni kollha għandha tinkludi, kif xieraq, indikaturi għall-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' din id-Direttiva, mapep ta' analiżi għall-Unjoni kollha u rapporti tal-Istati Membri li jipprovdu ħarsa ġenerali.

4. Il-Kummissjoni **tista'** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tas-sett ta' data, tal-informazzjoni u tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

⁽⁵²⁾ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

⁽⁵³⁾ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ikollhom aċċess għas-settijiet ta' data stabbiliti skont il-paragrafu 1.

3. B'mod regolari, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika u taġġorna ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tad-data miġbura mill-Istati Membri. Il-ħarsa ġenerali fl-Unjoni kollha għandha tinkludi, kif xieraq, indikaturi għall-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' din id-Direttiva, mapep ta' analiżi għall-Unjoni kollha u rapporti tal-Istati Membri li jipprovdu ħarsa ġenerali.

4. Il-Kummissjoni **għandha** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tas-sett ta' data, tal-informazzjoni u tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

⁽⁵²⁾ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

⁽⁵³⁾ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

Emendi 74 u 150**Proposta għal direttiva****Artikolu 15***Test propost mill-Kummissjoni***Artikolu 15****Evalwazzjoni u reviżjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa ... [**sitt** snin wara d-data finali **għat-trasposizzjoni** ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

*Emenda***Artikolu 15****Evalwazzjoni u reviżjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa ... [**ħames** snin wara d-data finali **għat-traspożizzjoni** ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. **Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva, jekk xieraq. Dik il-proposta għandha, jekk ikun xieraq, tistabbilixxi miri vinkolanti ta' tnaqqis fil-konsum kwantitattiv fil-livell tal-Unjoni għall-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness.**

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Dak ir-rapport għandu **jindika wkoll jekk:**

(a) **jeħtieġx** jiġi rivedut l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss;

(b) **huwiex fattibbli li jiġu stabbiliti** miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum, b'mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness;

(c) **sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq.**

2a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2020, programm mađwar l-Unjoni kollha għat-tindif tal-iskart tal-plastik fl-oċeani u għandhom jippromwovu din l-inizjattiva fil-livell internazzjonali.

3. Dak ir-rapport għandu **jinkludi:**

(a) **valutazzjoni tal-ħtieġa li** jiġi rivedut l-Anness li jelenka l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss;

(b) **studju dwar il-fattibbiltà tal-istabbiliment ta'** miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum, b'mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness; **f'dan ir-rigward ir-rapport għandu jivvaluta l-iffissar ta' miri espressi f'numri assoluti filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' konsum u t-tnaqqis diġà miksub fl-Istati Membri;**

(ba) **valutazzjoni tal-bidla fil-materjali użati fi, u l-innovazzjoni f'sistemi ta' konsenja ġodda għal alternattivi li jistgħu jintużaw mill-ġdid għall-prodotti koperti minn din id-Direttiva; din għandha tinkludi analiżi ambjentali globali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' daww il-materjali u l-alternattivi li jirriżultaw;**

Emenda 75

Proposta għal direttiva

Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-obbligi ta' rappurtar li jinsabu fil-punt (a) tal-Artikolu 13(1) sa ... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 76

Proposta għal direttiva

Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn ... [sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn ... [3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn ... [sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn ... [3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], **bl-eċċezzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 6(1) fir-rigward ta' kontenituri tax-xorb għax-xorb bil-gass, li l-Istati Membri għandhom japplikaw minn ... [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].**

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet **prinċipali** tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. **Il-Kummissjoni għandha tivverifika li dawn id-dispożizzjonijiet ma jimponux ostakli mhux ġustifikati għall-funzjonament tas-suq uniku.**

Emendi 78 u 124/rev

Proposta għal direttiva

Anness I – parti A

Test propost mill-Kummissjoni

Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mill-Artikolu 4 dwar it-tnaqqis tal-konsum

Emenda

Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mill-Artikolu 4 dwar it-tnaqqis tal-konsum

— **Tazez għax-xorb, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom**

— Kontenituri tal-ikel, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, bl-għatu jew mingħajr, użati biex jitqiegħed fihom ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-kontenitur fuq il-post jew bħala take-away mingħajr aktar preparazzjoni, bħalma huma kontenituri użati għal ikel fast food, minbarra kontenituri tax-xorb, platti u pakketti u boroż li fihom l-ikel

— Kontenituri tal-ikel, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, bl-għatu jew mingħajr, użati biex jitqiegħed fihom ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-kontenitur fuq il-post jew bħala take-away mingħajr aktar preparazzjoni, bħalma huma kontenituri użati għal ikel fast food, minbarra kontenituri tax-xorb, platti u pakketti u boroż li fihom l-ikel

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-bejgħ ta' ikel f'kontenitur tad-daqs ta' porzjon għal persuna waħda, jew f'kontenitur li jkun fih poġati, huwa indikazzjoni li l-ikel inkwistjoni huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-kontenitur tal-ikel.

Il-kunċett ta' aktar preparazzjoni jinkludi attivitajiet bħat-tisħin, iż-żieda ta' ilma jagħli, il-ħasil, it-tfettit u l-qtugħ.

Eżempji ta' kontenituri tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mill-partijiet A, E u G ta' dan l-Anness:

- Kontenituri tal-fast-food bħal kaxx li jkun fihom l-ikel u l-kaxx li jkun fihom l-insalati b'ikel għall-konsum kiesaħ
- Kontenituri tal-fast-food bħal kaxx li jkun fihom l-ikel u l-kaxx li jkun fihom l-insalati b'ikel għall-konsum sħun, ħlief fejn l-ikel jeħtieġ li jiġi msaħħan mill-konsumatur wara li jinxtara l-prodott
- Kaxxi tal-burgers, kaxxi tas-sandwiches, kaxxi tar-wraps
- Kontenituri tal-ikel ta' daqs ta' porzjon għal persuna waħda ta' ikel frisk jew ipproċessat li ma jeħtieġx aktar preparazzjoni, bħal frott, ħxejjex, deżerti jew ġelati, mibjugħa bil-waħda

Eżempji ta' kontenituri li mhumiex kontenituri tal-plastik li jintużaw darba biss koperti mill-partijiet A, E u G ta' dan l-Anness:

- Kontenituri tal-ikel, b'ikel immixxef jew ikel mibjugħ kiesaħ li jeħtieġ aktar preparazzjoni
- Kontenituri li fihom ikel fi kwantitajiet li huma daqs ta' porzjon għal iktar minn persuna waħda
- Kontenituri tal-ikel ta' daqs ta' porzjon għal persuna waħda mibjugħa f'aktar minn unità waħda

— Tazez għax-xorb

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Anness I – parti B – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

— Pożati (friequet, skieken, imgħaref, chopsticks)

Emenda

— Pożati (friequet, skieken, imgħaref, chopsticks) **ħlief, sal-2023, pożati fornuti lil stabbilimenti edukattivi jew istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa taħt il-kuntratti pubbliċi ta' provvisti ^(1a) kif definit fil-punt 8 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/24/UE li ngħataw qabel il-31 ta' Diċembru 2018.**

^(1a) “kuntratti pubbliċi ta' provvisti” tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala s-suġġett tagħhom ix-xiri, il-kera jew ix-xiri bin-nifs, bi jew mingħajr fakultà ta' xiri, ta' prodotti. Kuntratt ta' provvista pubblika jista' jinkludi, b'mod inċidentali, operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post u installazzjoni.

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Anness I – parti B – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

— Platti

Emenda

— Platti, **ħlief, sal-2023, platti fornuti lil istituzzjonijiet edukattivi jew istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa taħt il-kuntratti pubbliċi ta' provvisti ^(1a) kif definit fil-punt 8 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/24/UE li ngħataw qabel il-31 ta' Diċembru 2018.**

^(1a) “kuntratti pubbliċi ta' provvisti” tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala s-suġġett tagħhom ix-xiri, il-kera jew ix-xiri bin-nifs, bi jew mingħajr fakultà ta' xiri, ta' prodotti. Kuntratt ta' provvista pubblika jista' jinkludi, b'mod inċidentali, operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post u installazzjoni.

Emenda 81

Proposta għal direttiva

Anness I – parti B – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

— Stikek li jitwāhħlu mal-bżieħaq u li jżommuhom, ħlief il-bżieħaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi, **inklużi** l-mekkaniżmi tat-tali stikek

Emenda

— Stikek li jitwāhħlu mal-bżieħaq u li jżommuhom, ħlief il-bżieħaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi, **esklużi** l-mekkaniżmi tat-tali stikek

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emendai 83 u 117
Proposta għal direttiva
Anness I – parti B – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— ***Prodotti magħmula minn plastik ossodegradabbli***

Emenda 84
Proposta għal direttiva
Anness I – parti B – inċiż 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— ***Kontenituri tal-ikel u tax-xorb magħmula minn polistiren espandut, użati biex jitqiegħed fihom ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-kontenitur jew fuq il-post jew għal take-away mingħajr aktar preparazzjoni.***

Emenda 85
Proposta għal direttiva
Anness I – parti C – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— Kontenituri tax-xorb, jiġifieri reċipjenti użati biex jinżamm fihom il-likwidu bħalma huma l-fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom

— Kontenituri tax-xorb, jiġifieri reċipjenti użati biex jinżamm fihom il-likwidu bħalma huma l-fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom, ***ħlief il-kontenituri maħsubin u użati għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali fil-forma likwida kif definita fil-punt (g) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 609/2013***

Emenda 125
Proposta għal direttiva
Anness – parti D – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— ***Bżieġaq, ħlief il-bżieġaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn, li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi***

imħassar

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 86**Proposta għal direttiva****Anness – parti D – inċiż 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-
- **Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk**

Emenda 87**Proposta għal direttiva****Anness I – parti D – inċiż 3b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-
- **Pakketti u boroż magħmulin minn materjal flessibbli li jitqiegħed fihom ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-pakkett jew mill-borża individwali mingħajr aktar preparazzjoni**

Emenda 88**Proposta għal direttiva****Anness I – parti D – inċiż 3c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-
- **Tazez għax-xorb**

Emenda 89**Proposta għal direttiva****Anness I – parti E – inċiż 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-
- Tazez għax-xorb

-
- Tazez għax-xorb **inklużi t-tappijiet u l-ġhotjien tagħhom**

L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018

Emenda 90**Proposta għal direttiva****Anness I – parti F – inċiż 1***Test propost mill-Kummissjoni*

— Fliexken tax-xorb

Emenda— Fliexken tax-xorb, **inklużi t-tappijiet u l-ġhotjien tagħhom**